MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 65

11 ta' Ottubru 2016

Minuti tas-seduta Nru. 65 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 11 ta' Ottubru 2016 fis-7.00pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa direttament bl-internet.

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-minuti tas-seduta Nru. 64, li saret fit-28 ta' Settembru 2016, ġew approvati u ffirmati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti Milied2016

### 2.1.1. Ċentru ta' interpretazzjoni fil-Batterija ta' Westreme (P/4/4/Vol IV)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.7.3. tas-seduta preċedenti u għarraf li fil-11 ta' Ottubru 2016 saret laqgħa li attendew għaliha l-Viċi Sindku C. Bartolo, l-Inġinier R. Curmi, il-Perit J. Attard, is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sur S. Borg mill-uffiċċju tal-Kunsill. Din kienet tittratta l-attrezzar tal-batterija minn ġewwa. Kien hemm qbil li biex jitkomplew it-tħejjijiet għall-applikazzjoni għall-fondi, jeħtieġ li jitqabbad *interior designer* ħalli bid-disinn tiegħu, l-inġinier ikun jista' jfassal is-sistema tal-elettriku. Għaldaqstant tħejjiet sejħa għall-istimi (MLC Quote 4/2016) bil-għan li jkun jista' jinkiseb dan is-servizz.

2.1.3. Fl-istess laqgħa, il-Perit J. Attard ġibed l-attenzjoni li l-batterija hija diġa koperta bil-permess tal-MEPA (PA 1155/14) li nħareġ fis-26 ta' Settembru 2014 sabiex tintuża għall-wirjiet. Fil-fatt dan l-użu jaqa' fil-kategorija 2B skont kif deskritta fid-*Development Planning (Use Classes) Order* 2014, ippubblikata bħala Avviż Legali 74 tal-2014.

2.1.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u approva l-azzjoni li ttieħdet.

### 2.2.1. Fteħim dwar il-kustodja tat-Torri l-Abjad (P/4/26)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 3.1.2. tas-seduta preċedenti dwar l-inklużżjoni ta' kafetterija fil-binja tat-Torri l-Abjad. Huwa qal li l-konsulent legali daħħal klawsola ġdida li tgħid illi l-Kunsill jagħti l-kunsens tiegħu sabiex ikun hemm din il-faċilità, soġġett għall-approvazzjoni u l-permess mid-Diviżjoni għall-Proprjetà tal-Gvern.

2.2.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ppropona li fil-ftehim ikun hemm klawsola li tipprovdi għall-viżibilità tal-Kunsill fil-materjal promozzjonali kollu li tista' tikkummissjona s-soċjetà Din l-Art Ħelwa.

2.2.4. Il-Kunsill approva l-proposta skont il-minuta 2.2.3 aktar 'il fuq, kif ukoll qabel li għandha tiġi ffissata data biex isir l-iffirmar tal-ftehim.

## 2.3.1. Ħarġa kulturali (A/5/5/Vol VII)

2.3.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 14.1. tas-seduta ta' qabel u qalet li l-prezz iffissat għall-ħarġa kulturali tal-20 ta' Ottubru 2016, lejn Għawdex se jkun ta' €14. Hija qalet li l-postijiet kollha mtlew peress li laħqu ħamsin persuna.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.4.1. Twessiegħ tal-ispazju bejn il-*buildout* fi Triq ix-Xagħra ta' Barra u Triq Għajn Żejtuna (T/3/2/Vol XII)

2.4.2. Il-Kunsillier E. Bartolo aċċenna għall-minuta 13.1. tas-seduta ta' qabel u qal li t-twessiegħ tal-ispazju bejn il-*buildouts* fil-postijiet imsemmija ħalla riżultati tajbin, iżda l-effett jinħass iżjed kemm-il darba jsiru *double yellow lines* fuq in-naħa ta' Triq ix-Xagħra ta' Barra u Triq Għajn Żejtuna, u jinkludu wkoll il-periferija tal-istess *buildouts* sa Triq il-Kbira.

2.4.3. Is-Segretarju wieġeb li dan ix-xogħol diġa ġie ordnat.

## 2.5.1. Kampanja "*Pink October 2016*" (K/11)

2.5.2. Il-Kunsillier J. Attard rrefera għall-minuta 4.4.1. tas-seduta preċedenti u qal li jkun xieraq li kull meta jkun hemm kampanji fuq skala nazzjonali, bħal dik tal-*Pink October 2016,* il-Kunsill juri l-appoġġ tiegħu billi jixgħel il-faċċata tal-uffiċċju amministrattiv skont il-każ.

2.5.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta sakemm isir appell mill-promoturi biex isir dan.

## 3.0. Tqegħid ta'Karti

- *Purchase Request Form* – 07/10/16;
- Skeda ta' Pagamenti – 24/09/16 – 07/10/16;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 4.0. Korrispondenza

## 4.1.1. PA 5966/16 – Żvilupp ta' sit konfinanti minn Triq Ta' Masrija u triq ġdida fi Triq ta' Masrija (P/5/1/Vol IV)

4.1.2. Saret referenza għall-applikazzjoni dwar il-bini ta' 57 garaxx fuq żewġ sulari taħt il-livell tat-triq, u 56 appartament fuq seba' sulari 'il fuq il-livell ta' Triq Ta' Masrija. Il-proposta tinkludi wkoll spazzju pubbliku.

4.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Materjal

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 7 ta' Ottubru 2016.

5.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet marbuta ma' Servizzi u Materjal

6.2. Ġiet ippreżentata skeda ta' pagamenti li tkopri bejn l-24 ta' Settembru u s-7 ta' Ottubru 2016.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fl-iskeda.

6.4. Kien hemm qbil li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

## 7.1. Immaniġġjar ta' traffiku fi Triq Ġorġ Borg Olivier (T/3/3/Vol V)

7.2. Is-Sindku qal li fid-dawl tal-osservazzjonijiet li huwa għamel fir-rigward tat-traffiku fit-triq imsemmija huwa għamel l-istqarrija segwenti:

"Matul dawn l-aħħar ġimgħat kont qiegħed nosserva l-andament tat-traffiku fi Triq Ġorġ Borg Olivier. Għamilt dan kollu billi personalment kont ninżel u nqatta' ftit ħin fuq il-post, b'mod specjali fil-ħinijiet ta' filgħodu, fil-parti bejn il-fergħa tal-Bank of Valletta (BOV) u l-lukanda Maritim. Għalkemm is-sitwazzjoni ma kinitx xi waħda kaotika, lanqas kienet xi waħda pjaċevoli, u dan meta kellna l-akbar numru ta' vetturi tat-trasport pubbliku li qatt kellna s'issa, li kienu qegħdin igħaddu minn din it-triq. (16-il vettura kull siegħa, kemm 'il fuq kif ukoll 'l isfel). Dan grazzi għall-preżenza ta' Uffiċjali tal-Komunità li ta kull jum kienu preżenti fit-triq u jinfurzaw fuq iż-żoni *Keep Clear* u l-ħin limitat tal-ipparkjar. Il-problema kienet tqum meta l-Uffiċjal tal-Komunità ma kienx ikun preżenti u meta kien ikun hemm xi incident.

Meta tkellimt ma' xi sidien tal-ħwienet, b'mod speċjali sidien li jafu kif evolva t-traffiku fi Triq Ġorġ Borg Olivier, kollha jgħidulek li hemm bżonn tittieħed azzjoni, għax il-kongestjoni tat-traffiku kienet qegħda taffettwalhom l-andament tax-xogħol tagħhom. Meta staqsejthom jekk għandhomx xi suġġeriment x'jagħmlu , l-aktar li semmew kienu, l-introduzzjoni tat-*traffic lights* bejn il-bank tal-BOV u l-lukanda Maritim, ħinijiet ikkontrollati tad-*deliveries*, aktar infurzar mill-Uffiċjali tal-Komunità u s-sistema tal-*one way*. Kien hemm min qal ukoll li l-preżenza tal-Uffiċjali tal-Komunità kienet qegħda tgerrex in-nies.

Meta fuq il-midja soċjali u anke fuq il-ġurnali kienu jidhru xi kummenti fuq din il-problema, apparti l-proposti li semmejt aktar 'il fuq, ssemmiet ta' spiss il-proposta li jitneħħa l-parkeġġ fil-parti ta' bejn il-BOV u l-lukanda Maritim. Kelli ukoll numru ta' imejls fuq din il-materja li l-bicca l-kbira issuġġerixxew ukoll li jitneħħa l-*parking*. Kelli ukoll diversi telefonati mill-*Manager* tal-*Malta Public Transport* fic-Cirkewwa rigward il-konġestjoni tat-traffiku f'din it-triq u ovvjament il-ħin li kienu qegħdin jitilfu l-vetturi tagħhom fuq ir-rotot tagħhom.

Irrid infakkar li fil-bidu ta' din il-leġislatura konna għamilna l-proposta ta' mina minn taħt Triq Ġorġ Borg Olivier u Triq il-Kbira, liema proposta ma sabitx l-appoġġ meħtieġ la minn Transport Malta (TM) u lanqas mill-awtoritajiet l-oħra, minħabba l-kwistjoni ta' prioritajiet.

X'ħin tevalwa l-proposti ssib li l-uniku tnejn li wieħed jista' jikkunsidra huma, t-tneħħija tal-*parking* u l-introduzzjoni tat-*Traffic lights*. Tal-ewwel ma nista' qatt nimplimentawha, għax tkun id-daqqa tal-mewt għal ħafna min-negozji f'din it-triq, bil-konsegwenzi kollha li ġġib magħha miżura ta' din ix-xorta. Jibqa' l-aħħar proposta: l-introduzzjoni tat-*Traffic lights*. Din il-proposta ilha tissemma għal ħafna żmien, jekk miniex sejjer żball sa mit-twaqqif tat-tieni Kunsill, pero' dejjem ġiet opponuta minn TM. Jibqa' l-fatt li minkejja diversi miżuri li ħadna matul is-snin, bħala Kunsill, il-problema għadha hemm. Dan għandu jsaħħaħ l-argument tagħna favur l-introduzzjoni tat-*Traffic lights*. Barra minn hekk ic-cirkostanzi nbiddlu, t-traffiku zdied u nifhem li TM għandha terġa' tikkunsidra l-pozizzjoni tagħha fuq din il-proposta, għaldaqstant jekk naqblu nagħmlu talba sabiex jiġu ntrodotti t-*Traffic lights* fil-parti dejqa ta' Triq Gorg Borg Olivier, bl-arrangamenti kollha tat-traffiku li diġa hemm, jibqgħu kif inhuma.

Dan ma jfissirx li din il-miżura se tkun is-soluzzjoni totali tal-problema, almenu bħala Kunsill inkunu qegħdin nagħtu prova illi aħna konxji tad-dwejjaq ta' dawk li jgħaddu minn din it-triq u ħadna inizzjattiva biex inwettqu l-aħħar mizura li jista' jkun hemm u li fl-aħħar mill-aħħar hija l-proposta li jixtiequ jaraw ħafna nies, inkluzi sidien tal-ħwienet."

7.3. Il-Kunsillier P. Cutajar qal li huwa qed jifhem li l-arranġamenti kollha eżistenti ser jibqgħu fis-seħħ, f'dak li huwa l-ipparkjar regolat bil-ħin, iż-żoni tal-irmunkar, u l-postijiet tal-ħatt u tagħbija.

7.4. Il-Kunsillier E. Bartolo kkummenta li fil-parti proposta sabiex tkun ikkontrollata permezz tat-*traffic lights* hemm vantaġġ li mhemmx traversi fiha li jgħaddu l-vetturi minnhom. Minkejja dan, jeħtieġ tingħata attenzjoni għal dawk is-sewwieqa li jħallu l-post tal-parkeġġ tagħhom u jmorru kontra d-direzzjoni attwali tat-traffiku.

7.5. Is-Sur J. Buttigieg ikkonferma li bil-proposta tiegħu, kollox ser jibqa' l-istess, ħlief li d-direzzjoni tat-traffiku fi Triq Ġorġ Borg Olivier, bejn Triq it-Tonn u Triq il-Qalb Imqaddsa, talterna skont ma jindikaw it-*traffic lights*. Huwa qal li għalkemm saret talba simili fil-passat, jidher li Transport Malta qed tikkonsidra tali miżura fejn ikun hemm il-ħtieġa, bħalma qed tagħmel fil-każ ta' Triq il-Manikata.

7.6. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet ma' Transport Malta sabiex tiġi kkunsidrata l-proposta skont l-istqarrija moqrija mis-Sindku.

## 8.1. Sejħa Nru. 8/2015 – Manutenzjoni u żamma ta' latrini pubbliċi (L/3/Vol III)

8.2. Is-Segretarju spjega li skont l-aħħar dokument tal-offerta (Sejħa 8/2015), is-servizz imsemmi hawn fuq, kien jinvolvi żewġ fattigi matul is-sena kollha, li kellhom jaħdmu kif ġej:

| Bejn Novembru u Mejju | Tnejn sal-Ħamis | Ġimgħa, Sibt, Ħadd u Festi |
|---|---|---|
| Fattiga A | 7.30am – 5.00pm | 7.30am – 8.00pm |
| Fattiga B | 8.00am – 4.00pm | 8.00am – 7.30pm |

| Bejn Ġunju u Ottubru | Tnejn sal-Ħamis | Ġimgħa, Sibt, Ħadd u Festi |
|---|---|---|
| Fattiga A | 7.30am – 10.00pm | 7.30am – 12.00pm |
| Fattiga B | 8.00am – 9.30pm | 8.00am – 10.30pm |

8.3. Is-Sur C. Debono kkummenta li r-rekwiżiti kollha kienu nklużi fid-dokument tal-offerta 8/2016, għaliex dan kien inbena fuq l-esiġenzi li ġew esperjenzati fis-snin qabel. Ma' dan kollu huwa qal li bejn Novembru u Mejju, is-servizz jista' jingħata b'fattiga wieħed, billi l-latrini ma jkunux daqshekk użati, u b'hekk ma jkunx hemm spejjeż bla ħtieġa.

8.4. Is-Sindku qal li f'Mejju l-użu tal-latrini li jinsabu qrib il-baħar ikun diġa beda jiżdied u għaldaqstant ikun jagħmel sens li dan ix-xahar jiġi nkluż mal-perjodu tas-sajf.

8.5. Is-Sur J. Buttigieg qal ukoll li fattur ieħor illi jaffettwa l-prezz huwa l-materjal li jintuża għat-tindif. Kompla jgħid illi kuntrattur li josserva l-obbligi kuntrattwali, għandu parti sostanzjali mill-ispiża fuq il-*consumables*.

8.6. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li t-tagħrif mogħti mill-offerenti rigward il-kimiċi wżati fis-sottomissjonijiet jeħtieġ li jiġi evalwat minn persuna kwalifikata biex tagħmel dan ix-xogħol. Huwa qal ukoll li kuntrattur jista' ivarja l-konċentrazzjoni tad-detergenti wżati biex jiffranka l-flus.

8.7. Is-Segretarju qal li f'dan it-tip ta' kuntratt, il-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima, jesiġi li l-kimiċi li jkun hemm fil-materjal użat għat-tindif, jeħtieġ li jkunu konformi mal-kriterji attwali tal-*Green Public Procurement*. Minkejja li dan ir-rekwiżit, huwa kkummenta li dan il-fattur ftit li xejn ġie trattat fl-aġġudikazzjoni tal-aħħar sejħa. Intqal ukoll li bir-riżorsi li għandu l-Kunsill ikun diffiċċli li tiġi żgurata l-osservanza ta' dan l-obbligu da parti tal-kuntrattur, meta jibda jingħata s-servizz.

8.8. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-minuta 2.5.1. tas-seduta preċedenti u staqsa dwar jekk il-kuntrattur attwali – Absolute Cleaners Ltd – ġewx mitluba jwaqqfu s-servizz.

8.9. Is-Sindku wieġeb li l-kuntrattur ġie nfurmat li żieda fir-rati mhijiex aċċettabbli u għaldaqstant intalab jikkonsidra l-proposta li huwa għamel permezz ta' imejl datat 12 ta' Settembru 2016.

8.10. Il-Kunsill iddeċieda li kemm-il darba l-kuntrattur ma jżommx ir-rati li ħadem bihom s'issa, is-servizz għandu jitwaqqaf fil-31 ta' Ottubru 2016.

**9.1. Akkwist ta' materjal promozzjonali għall-Kunsill (P/4/5/Vol III)**

9.2. Is-Seduta ġiet sospiża għall-ftit tal-ħin sabiex is-Sinjorina Alexia Baldacchino tkun tista' tispjega x'materjal promozzjonali jista' jaddotta l-Kunsill. L-oġġetti li hija wriet kienu jvarjaw minn *tote bag*, *pen drive*, *lanyard*, pinna, kaxxi tal-landa, kalamiti, boroż taċ-ċarruta, *coasters*, u *note books*. Hija spjegat li fuq dawn l-oġġetti kollha jista' jiġi stampat il-*logo* tal-Kunsill, kif ukoll kitba.

9.3. Il-Kunsill innota l-oġġetti ppreżentati u ddeċieda li fl-Estimi 2017 ikun hemm vot apposta biex jagħmel tajjeb għax-xiri gradwali tal-oġġetti murija.

**10.1. Tħejjijiet għall-*EDEN Network Meeting* (T/12/2)**

10.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ppropona li s-servizzi tal-ospitalità marbuta mal-konferenza msemmija jingħataw kif ġej:

| **Servizz Meħtieġ** | **Valur** | **Fornitur** |
|---|---|---|
| Użu ta' sala u r-riċeviment ta' merħba lid-delegati | €1,160 | Martim Hotel Antonin & Spa |
| Xorb għar-riċeviment ta' merħba lid-delegati | €1,160 | The Arches Restaurant |
| Użu tas-sala u l-apparat tal-*audio* | €1,100 | Mellieħa Holiday Centre |
| Ikla ta' nofsinhar, waqfiet għall-kafe' u l-użu tas-sala għall-konferenza | €1,100 | Great Dane Restaurant |
| Trasport tad-delegati mill-Martim Hotel u lura | €80 | Paul Cardona |
| Dwal għas-sala tal-konferenza | €1,100 | Anthony Caruana |

Is-Sur C. Bartolo qal li l-prezzijiet mogħtija huma massimi u x'aktarx illi l-ispiża f'kull każ tkun inqas. Huwa fakkar li l-ispiża ser tkun koperta bil-fondi li ngħataw bħala premju taħt in-Nat*ional Enterprise Support Awards* mogħti mid-Dipartiment tal-Kummerċ, kif ukoll mistenni li jkun hemm għotja mill-Ministeru tat-Turiżmu.

10.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet u approva n-nefqa.

**11.1. Tħejjiet għall-Proġett *"Small Markets at the Heart of the European Economy"* (P/10/25)**

11.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ressaq abbozz tal-*logo* tal-proġett li jikkonsisti fi strixxa forma ta' qalb bil-bnadar ta' Malta, il-Latvia, il-Ġermanja, ir-Rumania, il-Polonja, u l-Italja. L-istess bnadar tpoġġew f'din l-ordni skont is-sekwenza tal-pajjiżi fejn ser jitwettaq il-proġett kollu.

11.3. Il-Kunsill approva d-disinn tal-*logo*.

**12.1. Sejħa għall-Offerti Nru. 11/2016 – Tindif ta' Toroq Mhux Urbani (T/4/6/Vol IV)**

12.2. Is-Segretarju għarraf li s-sejħa msemmija għalqet fl-4 ta' Ottubru 2016 f'nofsinhar u r-rispons għaliha kien kif jidher hawn taħt:

| **Offerent** | **Rata annwali bil-*Contract Management Fee* u eskluża l-VAT** |
|---|---|
| Alexander Fenech | €21,680.00 |
| Owen Borg | €28,500.00 |
| Carmel Mifsud | €26,400.00 |
| Antoine Fenech | €23,728.81 |

12.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa tal-*evaluators* fl-1 ta' Novembru 2016 fit-8.30am.

**13.1. Sejħiet għall-Istimi 2/2016 u 3/2016 - Kiri u nstallazzjoni ta' dwal dekorattivi għal Triq il-Kbira u Triq Ġorġ Borg Olivier matul il-perjodu tal-festi marbuta mal-Milied 2016 u s-Sena l-Ġdida (T/4/15)**

13.2. Is-Segretarju għarraf li s-sejħiet imsemmija saru permezz tas-sistema elettronika e-PPS, li għalqu fis-7 ta' Ottubru 2016 f'nofsinhar, u nfetħu mmedjatament wara. Skeda tal-istimi ġiet mgħoddija awtomatikament lill-offerenti permezz tal-istess sistema, kif ukoll lill-membri kollha tal-Kunsill bl-imejl.

13.3. Irriżulta li kien hemm żewġ offerti minn żewġ kuntratturi differenti, li kkwotaw kif jidher hawn taħt:

| **Sejħa Nru. 2/2016 – Triq Ġorġ Borg Olivier** | **Ammont ikkwotat eskluż 18% VAT** |
|---|---|
| Mica Med Ltd | €3,300.00 |
| Carl Caruana | €3,380.00 |

| **Sejħa Nru. 3/2016 – Triq il-Kbira** | **Ammont ikkwotat eskluż 18% VAT** |
|---|---|
| Mica Med Ltd | €1,600.00 |
| Carl Caruana | €1,690.00 |

13.4. Ġie nnutat li l-offerent Carl Caruana offra l-istess disinji li kien għamel fis-sena preċedenti fl-istess toroq, filwaqt li Mica Med Ltd ikkwotaw disinji li kienu armaw sentejn qabel.

13.5. Fid-dawl tal-fatt li ż-żewġ offerenti kienu konformi mal-ispeċifikazzjonijiet, ġie deċiż li x-xogħol għandu jingħata lill-Mica Med Ltd, billi offrew l-inqas prezz.

**14.1. Tneħħija ta' *rumble strips* fi Triq il-Kbira (T/3/3/Vol V)**

14.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.1.2. fil-minuti tas-Seduta Nru. 63 tat-12 ta' Settembru 2016 u għarraf li fl-ewwel ġimgħa ta' Novembru 2016 il-kuntrattur konċernat ser japplika l-materjal li jippreveni l-iskiddjar tal-vetturi fi Triq il-Kbira, fil-parti bejn Triq in-Naħal u Triq Snajjin,.

14.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**15.1. Użu tal-*bring-in sites* (K/6/10/Vol III)**

15.2. Is-Sindku rrefera għad-diskussjoni li kien hemm fis-seduta 61 tas-16 ta' Awwissu 2016 dwar l-abbuż tal-*bring-in sites*. Huwa qal li tkomplew il-konsultazzjonijiet dwar servizzi ta' sorveljanza li jingħataw minn ditti privati permezz ta' CCTV *cameras*. Minn kuntatti li saru jirriżulta li l-installazzjoni u kirja ta' *camera* waħda tinvolvi spiża ta' €81.42 fix-xahar li tipprovdi wkoll għas-sorveljanza u reġistrazzjoni tal-immaġini. F'każ li ma jkunx hemm provista tal-elettriku, ikun meħtieġ ukoll li jitwaħħlu pannelli fotovoltaiċi, batterija *rechargeable* u *brackets* għalihom, li flimkien jinvolvu spiża ta' darba ta' €420.08. Jekk ma jkunx hemm arblu, ikun hemm spiża addizzjonali ta' €212.40. Ħsarat u vandaliżmu jkunu responsabiltà ta' min jipprovdi s-servizz.

15.3. Il-Kunsillieri P. Cutajar qal li r-rata hija raġġjonevoli meta jitqies li s-sorveljanza tal-camera ssir mill-kuntrattur u jiġu pprovduti l-immaġini lill-Kunsill, skont il-ħtieġa.

15.4. Is-Sindku kkonferma li s-sorveljanza ssir mill-kuntrattur, filwaqt li l-Kunsill jkun jista' jara l-immaġini diretti permezz tal-internet minn kwalunkwe kompjuter.

15.5. Is-Segretarju qal li tul il-perjodu tal-kirja, *camera* waħda tkun tista' tiġi trasferita minn post għal'ieħor skont il-ħtieġa.

15.6. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jabbona fis-servizz għal perjodu ta' prova u tintalab sorveljanza tal-*bring-in site* li tinsab fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi.

**16.1. Sejħa għall-Offerti Nru. 9/2016 – Bandli u Xogħlijiet Anċillari fi Ġnien il-Qigħan (P/2/1)**

16.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 9.4. tas-Seduta 63 tat-12 ta' Settembru 2016. Fid-dawl tad-dikjarazzjoni li saret mis-Sindku huwa talab lill-Kunsill jappunta *evaluator* li meħtieġ jiġi ndikat fl-*Electronic Procurement System (e-PPS)*, minflok is-Sur J. Buttigieg.

16.3. Il-Kunsill ħatar lill-Kunsilliera A. Brincat Stellini sabiex taqdi din il-funzjoni.

**17.1. Sessjonijiet tal-*aerobics* (E/3/1/11/Vol II)**

17.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li d-Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u l-Prevenzjoni tal-Mard qed joffri programm ta' telf ta' piż u attività fiżika fil-Kunsilli Lokali. Dan jikkonsisti f'żewġ sessjonijiet fil-ġimgħa għal tul ta' 12-il ġimgħa u jinvolvu nformazzjoni u diskussjoni dwar in-nutrizzjoni u t-telf tal-piż żejjed, kif ukoll attività fiżika. Billi ser tingħata preferenza li minn qatt ma attenda, jista' ikun li minn kien jattendi l-korsi preċedenti jitħalla barra minkejja li jkun wera interess li jattendi korsijiet futuri.

17.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**18.1. Kors taż-żfin (E/3/1/8)**

18.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li l-kors imsemmi organizzat mill-Kunsill ser jerġa jibda mill-21 ta' Ottubru 2016 fis-sala tal-Kunsill.

18.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fl-10.00pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 1 ta' Novembru 2016 fis-6.00pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**